**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
Bhala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

**MAĠISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***
***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Kumpilazzjoni Numru: 465/2024**

**Repubblika ta' Malta**
**vs**
**Jaser Ali Mahmoud**

**Illum 22 ta' Lulju 2024**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Jaser Ali Mahmoud ta' sebgha u hamsin (57) sena bin Ali Mahmoud u Zahra Hsan li twieled il-Gordan, nhar l-ghoxrin (20) ta' Awissu tas-sena elf disgha mija u sitta u sittin (1966), iddikjarat li jirrisjedi gewwa l-indirizz 195, Misrah ir-Repubblika, il-Belt Valletta, u detentur tal-karta ta' identita' bin-numru 0037548A.

Akkuzat talli nhar it-tmienja u ghoxrin (28) ta' Mejju tas-sena elfejn u erbgha u ghoxrin (2020) ghall-habta ta' bejn il-hamsa (17:00) ta' wara nofsinhar u s-sebgha (19:00) ta' filghaxija, gewwa Triq il-Mimosa, tal-Pieta, u/jew fi bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer:

1. Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' **Kadry Aboudahab Mahmoud Farrag**, f'periklu car, ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha tal-istess **Kadry Aboudahab Mahmoud Farrag** u cioe ferita ta' natura gravi, u dan hekk kif iccertifikat minn Dott.Rebecca Zammit

(Med.Reg.Nru.4464), liema offiza gravi kienet maghmula b'arma, jew strument li jaqta jew iniggez;

*Artikoli 214, 215, 216, u 217 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.*

2. U aktar talli fl-istess hin, lok u cirkostanzi, ghamel lil **Kadry Aboudahab Mahmoud Farrag** ingurji jew theddid mhux imsemmija fi bnadi ohra fil-Kodici Kriminali, jew hekk kien ipprovokat, ingurja lil **Kadry Aboudahab Mahmoud Farrag** b'mod li hareg barra mill-limiti tal-provokazzjoni;

   *Artikolu 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.*

3. U aktar talli fl-istess hin, lok u cirkostanzi, volontarjament kiser il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku;

   *Artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.*

Rat li fis-seduta datata 31 ta' Mejju 2024 l-imputat irreġistra ammissjoni għall-imputazzjonijiet dedotti kontra tiegħu;

Rat il-pre-sentencing report u semgħet lill-Uffiċċjal tal-Probation Maria Mifsud;

**Ikkunsidrat:**

Mil-provi miġjuba u mill-ammissjoni tiegħu stess, il-Qorti ssib lill-imputat ħati ta' l-impujtazzjoniet kif dedotti kontra tiegħu. Il-Qorti qrat il-pre-setencing report eżebit fl-atti tal-proċess.

Rat il-konklużjonijiet ta' l-imsemmi rapport;

*"Fid-dawl tal-informazzjoni miġbura għall-fini ta' dan ir-rapport, jirriżulta li l-imputat qiegħed jagħmel l-almu tiegħu sabiex jiffunzjona f'kultura u f'pajjiż differenti milli trabba huwa. Dan kien każ sfortunat li flok mal-vittma u l-*

*imputat tkellmu bħala żewġ adulti 'fil-kultura u bil-liġi Maltija' fuq biċċa xogħol, spiċċaw b'każ kontra xulxin Għaldaqstant qed jiġi umilment issuġġeriet li Jaser Ali Mahmoud jingħata sentenza sospiża skont l-artikolu 28A."*

Il-Qorti wara li rat il-proċess u ikkonsultat mal-fedina penali ta' l-imputat taqbel ma' dawn il-koklużjonijiet.

**Decide:**

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 214, 215, 216, 217, 339(1)(e), 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta issib lill-imputat ĦATI tar-reati kontemplati f'dawn l-artikoli u fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet magħmula ssib lill-imputat ħati ta' l-imputazzjonijiet kif dedotti kontra l-imputat u tikkundannah għal-erbgħa u għoxrin xahar priġunerija li bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 28A tal-Kaptiolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta qed jiġu sospiżi għal-erba' snin mil-lum.

IL-Qorti qed tagħti l-ispjegazzjoni lill-imputat ħati fit-termini tas-subartikolu (4) tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D.**
**Maġistrat**

**Maria Grech Cardona**
**Deputat Reġistratur**